# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU.403

KAZ NRU. 511

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph J Agius

u

Unicar Services Ltd
kif rapprezentata mis-Sur
Harold A Bartoli, Managing
Director

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 17 ta' Mejju 1991

Chairman: Is-Sur Carmel Debono

1 INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 26 ta' Dicembru 1989 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) ta' l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

L-appellant, is-Sur Joseph J Agius kien assistit mill-Avukat Leo Bencini, LL.D. waqt li l-Unicar Services Ltd kienet rapprezentata mis-Sur Harold A Bartoli, Managing Director, assistit mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

## 2 PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta t-Tribunal wara li ezamina u kkunsidra li 'Statement of Case' tal-kumpanija u fuq l-insistenza ta' l-istess kumpanija li l-kaz kien wiehed ta' "Redundancy" u ghalhekk ma kienx jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal, iddecieda li jisma' t-trattazzjoni tal-partijiet fuq dan il-punt.

## 3 STATEMENTS OF CASE

L-appellant qal li fis-7 ta' Settembru 1989 wara li zewg Diretturi ta' C & H Bartoli hadu inventarju tal-garage tal-Unicar Services Ltd, huma sejhu lill-impjegati kollha u tawhom ittra li ggib l-istess data li titterminalhom l-impjieg taghhom.

L-appellant, is-Sur Joseph J Agius kien wiehed mis-seba' (7) impjegati involuti. Huwa kien ilu mpjegat mal-kumpanija ghall-hdax-il (11) sena.

Huwa qal li wara ftit hin, tlieta (3) mill-impjegati regghu gew impjegati ghalkemm dawn kellhom servizz inqas minnu, xi whud minnhom b'anqas minn sentejn servizz.

L-appellant ikkontenda li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kien ingust ghax ma sarx skond ir-Regolamenti ta' l-Impjiegi ta' "Last in First out".

Il-kumpanija qalet li l-appellant gie mpjegat mal-Unicar Services Ltd bhala Car Hire Manager fis-17 ta' April 1979 u safa "redundant" fit-8 ta' Settembru 1989, wara li l-kumpanija kien ilha ghal xi zmien sejra lura u wara li kienet wissiet lill-impjegati diversi drabi dwar dan.

F'Awwissu 1989 il-Bord tad-Diretturi b'vot unanimudiecieda li l-kumpanija ma tibqax topera u bhala rizultat l-appellant u l-impjegati l-ohra kollha sfaw "redundant".

Il-kumpanija kkontendiet li l-kaz kien wiehed ta' "Redundancy" u wara li ccitat l-Award Numru 193 dwar il-kaz Lewis Camilleri et u A E Consultants, sostniet li "It-temm ta' l-impjieg kien jaqa' taht il-provvedimenti tal-Conditions of Employment (Regulation) Act".

Il-kumpanija ssottomettiet li l-kaz kien regolat minn Artiklu 25 (2) tal-Conditions of Employment Act 1952 u t-Tribunal Industrijali kien dejjem ha dan l-istand. Il-kumpanija sostniet li l-impjegati li jhoss ruhu aggravat minn tkeccija minhabba "Redundancy" kellu r-rimedji normali tieghu fil-Qorti Kummercjali u li kien l-impjegat li jigi mkecci minhabba dixxiplina li kellu r-rimedju specjali li jirreferi l-kaz tieghu lit-Tribunal Industrijali.

Il-kumpanija talbet lit-Tribunal jiddikjara li bhala kaz ta' "Redundancy", il-kaz ta' l-appellant ma kienx jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal u kienet lesta tissostanzja l-kontenzjoni taghha permezz tax-xhieda.

4 <u>XHIEDA</u>

(a) Prodotti mill-appellant

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | - Enforcement Section - Labour Office |
| Is-Sur Mario Gatt | - Workbook Section - Labour Office |
| Is-Sur Ant. Soler | - Workbook Section - Labour Office |
| Is-Sur Vincent Camilleri | - Partnerships Div. - Dept. of Trade |
| Is-Sur Emm. Bouvet | - ex-impjegat - Unicar Services Ltd |
| Is-Sur Spiridione Bouvet | - ex-impjegat - Unicar Services Ltd |
| Is-Sur Roger Carabott<br>Is-Sur Mario Casha<br>Is-Sur Raphael Carabott | } ex-impjegati tal-Unicar Services Ltd u issa mpjegati tal-Unicar Hire Services Ltd |

(b) Prodott mill-kumpanija

Is-Sur Harold A Bartoli - Managing Director

(c) Prodott miz-zewg partijiet

Is-Sur Joseph J Agius - l-appellant

(d) Prodott mit-Tribunal

Is-Sur Kevin Valenzia - Awditur ta' Messrs Zammit Tabona, Bonello & Co - Certified Public Accts

5 DOKUMENTI

Matul is-smiegh tal-kaz gew prezentati diversi dokumenti li kienu jinkludu:

i) Ittra datata 14 ta' Mejju 1990 mill-Avukat tal-appellant ghal xhieda addizzjonali.

ii) Photocopy ta' estratt mill-Collective Agreement (tal-GWU) dwar terminal benefits ghall-impjegati tal-Unicar Services Ltd.

iii) Photocopy awtentika tar-Rizoluzzjoni tax-shareholders tal-All Hire Services Ltd datata 8.11.89 registrata fl-14 ta' l-istess xahar mir-Registrar tal-Partnerships.

iv) Photocopies tal-Workbooks ta' Roger u Raphael Carabott u Mario Casha, impjegati tal-Unicar Hire Services Ltd u ex-impjegati tal-Unicar Services Ltd.

v) Photocopy awtentika tal-Minuti tal-Laqgha tal-Bord tad-Diretturi datata 5 ta' Settembru 1989 tal-Unicar Services Ltd.

vi) Photocopies awtentici tal-Audited Accounts tal-Unicar Services Ltd ghas-snin 1985, 1986, 1987 u 1988 kif certifikati mill-Awdituri Messrs. Zammit Tabona, Bonello ' Co, Certified Public Accountants.

vii) Ittra datata 12 ta' Frar 1991 lit-Tribunal fuq il-firma tas-Sur Harold A Bartoli, Direttur tal-Unicar Services Ltd li kienet annessa ma'

viii) Photocopy awtentiku tar-Riznluzzjoni datata 8.11.89 tad-Diretturi ta' C & H Bartoli ghax-xiri ta' 499 Shares Ordinarji tal-All Hire Services Ltd.

ix) Photocopy awtentika ta' Certifikat ta' Registrazzjoni No of Partnership C 1495 taht il-Commercial Partnership Ordinance 1962 Section 79 fuq il-firma tar-Registrar datata 14.11.89 li jiccertifika l-isem gdid tal-kumpanija Unicar Hire Services Ltd flok All Hire Services Ltd, li kienet tinkludi l-ismijiet u l-addresses tal-Bord tad-Diretturi.

x) Photocopy tar-rapport tad-Diretturi tal-Unicar Hire Services Ltd ghas-sena 1989 u l-Audited Accounts datat l-10 ta' Lulju 1990 fuq il-firma ta' Messrs. Zammit Tabona, Bonello & Co ta' l-istess kumpanija ghall-istess sena.

xi) Photocopy tar-Rizoluzzjoni tax-Shareholders tal-All Hire Services Ltd biex jinbidel l-isem tal-kumpanija f'Unicar Hire Services Ltd.

xii) Photocopy ta' statement iffirmat mic-Chairman u z-zewg Joint Managing Directors tal-Unicar Services Ltd datat 11 ta' Frar 1991 li jiccertifika l-hlas tal-Bilanc tas-somma miftiehma ta' Lm39,500 minghand C & H Bartoli Ltd ghall-car hire fleet ta' l-istess kumpanija b'photocopies tac-cheques relevanti.

It-Tribunal ma accettax zewg dokumenti prezentati mill-kumpanija dwar kif thallsu t-tliet impjegati li ngaggat il-Unicar Hire Services Ltd, ghalkemm dawn ma setghux jigu meqjusa bhala evidenza gdida kif ikkontenda l-appellant.

6 SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu l-appellant sostna li ghalkemm hu kien jahdem f'kapacita manigerjali, kien izda jaghmel xoghol industrijali mal-Unicar Services Ltd billi kien jaghmel "car deliveries" ta' karozzi mikrija, liema xoghol wara nghata lis-Sur Raymond Spiteri, Manager tat-Travel ta' C & H Bartoli Ltd li qatt ma kellu konnessjoni max-xoghol tal-car hire operations. Dan qal l-appellant jidher li kien premeditat u kkwota parti mix-xhieda tas-Sur H Bartoli li xehed li din kienet wahda mill-kriterji li wassal ghar-"redundancy" ta' l-appellant.

L-appellant irrietena li qabel ma safa "redundant", huwa kien indika lill-Management li kien dispost jkompli jaghmel ix-xoghol tad-deliveries tal-karozzi mikrija allavolja dan kien xoghol industrijali.

L-appellant ikkontenda li l-ahwa Roger u Raphael Carabott u Mario Casha kienu gew imweghda mpjieg mal-kumpanija sussidjarja gdida cioe' Unicar Hire Services Ltd qabel ma l-appellant u l-impjegati l-ohra gew mgharrfa li kienu "redundant".

B'zieda ma' dan l-appellant qal li dawn it-tliet persuni kellhom seniority ta' servizz mal-kumpanija anqas minnu.

Huwa sostna li ghalkemm l-impjegati kollha tal-Unicar Services Ltd kienu gew infurmati li sfaw redundant, madankollu l-fatti juru li din ir-"redundancy" kienet silettiva u ma gietx applikata ghat-tliet persuni msemmija aktar 'il fuq.

L-appellant qal li x-xhieda tas-Sur Harold Bartoli u dik ta' xi whud mix-xhieda dwar jekk hu kienx jaghmel "car deliveries" ma kinitx taqbel, izda hu rretena li baqa' jaghmel dan ix-xoghol sal-ahhar.

L-appellant imbaghad ghadda biex jezamina r-relazzjoni (relationship) bejn il-holding Company, jigifieri C & H Bartoli Ltd u l-kumpaniji sussidjarji cioe' l-Unicar Services Ltd u l-Unicar Hire Services Ltd, skond kif qal hu kif jidher mill-Annual Returns ghall-Unicar Hire Services Ltd prezentati mis-Sur Harold A Bartoli fl-ittra tat-12 ta' Frar 1991. Huwa ssupportja dan l-argument billi qal li l-ishma taz-zewg kumpaniji sussidjarji huma taht il-kontroll tal-holding company. Dan qal l-appellant jaghti prova li tezisti relationship bejn il-holding company u z-zewg kumpaniji sussidjarji.

Fattur iehor qal l-appellant kien dak li l-impjegati tal-Unicar Hire Services Ltd kienu interchangeable ma' C & H Bartoli Ltd.

Huwa kkontenda li x-xorta ta' servizz tal-Unicar Hire Services Ltd kien l-istess bhal dak tal-kumpanija Unicar Services Ltd li waqfet mill-operazzjonijiet taghha, f'liema xoghol, jigifieri dak tal-"Car Hire", l-appellant konness.

Biex isostni l-argument li kien hemm konnessjoni aktar fonda bejn C & H Bartoli Ltd u z-zewg kumpaniji sussidjarji, l-appellant ghamel referenza ghall-metodu kif giet akkwistata flotta tal-karozzi u l-uzu mill-kumpanija l-gdida tal-premises li ghandha l-kumpanija Unicar Services Ltd f'Albertown.

L-appellant ikkontenda li ma kienx "redundant" ghar-raguni li:

(a) seta' jkompli jaghmel id-deliveries tal-karozzi tal-kiri izda s-Sur Raphael Carabott gie preferut,

(b) li s-Sur Raymond Spiteri litteralment ha x-xoghol manigerjali ta' l-appellant. Dawn qal l-appellant ghandhom ikunu kkunsidrati fil-kuntest li d-doveri tieghu mal-Unicar Services Ltd kienu kemm manigerjali kif ukoll industrijali.

Wara li rega' elabora l-konnessjoni mill-qrib tal-kumpanija C & H Bartoli Ltd u z-zewg kumpaniji sussidjarji, cioe' Unicar Services Ltd u Unicar Hire Services Ltd., l-appellant staqsa kemm kien rejali l-waqfien tal-"operations" tal-Unicar Services Ltd, kemm din veru kienet "dormant" meta kien ghad ghandha l-impjant f'Albertown u assi konsiderevoli u jekk dan kienx kollu paraventu biex l-appellant jigi dikjarat "redundant" biex C & H Bartoli Ltd tkun tista' timpjega persuni ohrajn li kienu junior ghalih u tassenja x-xoghol li kien jaghmel hu bhala Manager lill-Manager iehor ta' C & H Bartoli Ltd u d-"deliveries" tal-karozzi tal-kiri lil wiehed mit-tliet ex-impjegati tal-Unicar Services Ltd li gew impjegati mill-kumpanija emergenti cioe' l-Unicar Hire Services Ltd. Dawn l-individwi qal l-appellant baqghu jahdmu fl-istess impjant tal-kumpanija Unicar Services Ltd fl-istess jum li sfaw dikjarati "redundant".

Huwa sostna li gie dikjarat "redundant" b'mod arbitrarju meta l-holding company C & H Bartoli Ltd setghet impjegatu bhala Manager fil-kumpanija l-gdida, kif ukoll jaghmel ix-xoghol l-iehor li kien jaghmel, jigifieri d-"deliveries" tal-karozzi tal-kiri.

L-appellant issottometta li d-decizjoni li jitqies "redundant" kienet arbitrarja u ngusta l-aktar meta l-eta tieghu kienet tirrendih difficli li jsib xoghol alternattiv. Huwa qal li mhux sewwa li l-impjieg kellu jkun sottopost ghall-maniggi

legalistici, protetti mill-"veil of incorporation" kondizjonat mill-holding/subsidiary relationship fi grupp ta' kumpaniji intenzjonati li jaqdu interessi ohrajn barra dawk tas-salvagward ta' l-impjieg biex bi stratagemmi bhal dawn tkeccija ngusta tkun tista' tigi gustifikata taht l-iskuza ta' "redundancy".

L-appellant ghalaq is-sottomissjonijiet finali tieghu billi rretena li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu ma kienx kawzat minn "redundancy". Huwa talab lit-Tribunal jiddikjara t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu ngust b'mod li ghandu jigi re-instated fl-istatus li kellu qabel u jekk dan ma jkunx possibbli talab lit-Tribunal biex jillikwida d-danni li garrab b'konsegwenza tat-temm ta' l-impjieg tieghu.

Fis-sottomissjonijiet finali taghha l-kumpanija fakkret lit-Tribunal li kienet tat rendikont fattwali fis-sottomissjonijiet preliminari ta' x'wassal lill-Unicar Services Ltd biex twaqqaf l-operations taghha u li din wasslet biex l-impjegati kollha sfaw redundant.

Il-kumpanija sostniet li x-xhieda tal-Managing Director korraborata minn dik ta' l-Awditur u d-dokumenti esebiti taw prova tal-gustifikazzjoni tal-kaz tal-kumpanija li dan ma kien xejn aktar minn kaz ta' redundancy. Dan qalet il-kumpanija kien jikkonferma tul is-smiegh tal-kaz it-tezi taghha li kellha twaqqaf l-operations taghha minhabba telf kbir rikorrenti.

Il-kumpanija rreferit ghas-sottomissjonijiet preliminari ta' l-appellant, li l-kumpanija rriteniet kienet allura t-talba formali quddiem it-Tribunal, fejn l-appellant ikkontenda li l-kumpanija ma osservatx fedelment il-Conditions of Employment (Regulations) Act meta ma mxietx fuq il-bazi ta' "first in - last out" ghax gew impjegati Raphael u Roger Carabott u Mario Casha mal-kumpanija l-gdida, cioe' il-Unicar Hire Services Ltd ghax dawn kellhom servizz anqas.

.../10

Kienet ghalhekk il-fehma tal-kumpanija li l-appellant ma kienx qieghed jikkontesta l-"issue" tar-"Redundancy" izda l-metodu kif giet applikata r-"redundancy", li jwassal ghall-konkluzjoni li l-kumpanija ghandha ragun tirreteni li l-kaz ta' l-appellant jammonta ghall-"redundancy".

Il-kumpanija argumentat li jekk wiehed kellu jhares lejn ir-raguni migjuba mill-appellant, jigifieri li kellu jsir "redundant" haddiehor u mhux hu, dan kien zbaljat principalment fuq zewg punti: l-ewwel li l-metodu ta' "first in - last out" irid jigi applikat "within the grade", meta l-appellant kellu kariga manigerjali waqt li l-impjegati l-ohra kienu fi gradi inferjuri.

Dwar it-tieni punt huwa li l-kumpanija Unicar Services Ltd waqqfet l-operations taghha kollha u allura l-impjegati kollha sfaw "redundant" u ma kienx baqa' lok ta' ghazla.

Il-kumpanija sostniet li l-kumpanija gdida cioe' l-Unicar Hire Services Ltd twaqqfet b'kapital gdid u shareholders differenti mill-kumpanija Unicar Services Ltd li allura kienet timpjega lill-appellant.

Il-kumpanija ziedet tghid li l-Unicar Services Ltd setghet kieku riedet xoljiet, tefghet lil kulhadd 'il barra u ffurmat kumpanija bl-istess shareholding u kienet tkun legalment korretta.

Il-kumpanija Unicar Services Ltd wara li waqqfet l-operations taghha marret "dormant" u baqghet biss "on paper" bl-iskop uniku li ma ssirx xoljiment komplet biex is-sidien taghha jipprvaw ibieghu l-proprjeta' li ghad ghandha.

Il-kumpanija ghalqet is-sottomissjonijiet finali taghha billi rriferiet ghas-sens ta' "fairness" u gustizzja tat-Tribunal li l-kaz taghha kien kaz car ta' "redundancy" u talbet

lit-Tribunal ghaldaqstant jiddikjara li l-kaz ta' l-appellant ma jaqax taht il-kompetenza tieghu.

7 IL-FATTI

Is-Sur Joseph J Agius, l-appellant kien impjegat bhala Car Hire Manager mal-Unicar Services Ltd fis-17 ta' April 1979 u safa "discharged" bhala "redundant" b'sehh mit-8 ta' Settembru 1989, meta l-kumpanija waqqfet l-"operations" taghha u ssensjat lill-impjegati kollha, sebgha (7), fl-istess data.

Ir-raguni moghtija mill-kumpanija ghall-eghluq kien l-istat hazin finanzjarju u operattiv.

B'sehh mid-9 ta' Settembru 1989, tlieta (3) minn dawn l-impjegati jigifieri Raphael u Roger Carabott u Mario Casha li kienu qabel impjegati mal-Unicar Services Ltd bhala Clerk/ Driver, Mechanic u Handyman gew impjegati mal-kumpanija gdida, Unicar Hire Services Ltd bhala Clerk/ Driver Mechanic/Driver/ Handyman u Handyman/ Driver rispettivament.

Ghalkemm il-kumpanija gdida bdiet topera mid-9 ta' Settembru 1989 l-ghada li waqfet topera l-Unicar Services Ltd hija twaqqfet b'Rizoluzzjoni tax-Shareholders fit-8 ta' Novembru 1989 skond l-ewwel skeda tal-Commercial Partnerships Ordinance u registrata fl-14 ta' l-istess xahar taht l-istess Ordinanza. Din ir-Rizoluzzjoni biddlet l-isem tal-kumpanija dormanti "All Hire Services Ltd" ghall-"Unicar Hire Services Ltd" b'Bord ta' Diretturi differenti minn dak tal-Unicar Services Ltd li spiccat bhala "dormant".

B'zewg Rizoluzzjonijiet ohra datati 11.10.89 u 8.11.89 gie rizolt li jigu transferred 499 Ordinary shares mill-Unicar

Services Ltd u ottenuti minn C & H Bartoli Ltd fl-All Hire Services Ltd, fiz-zewg kazi skond il-provvedimenti relevanti tal-Commercial Partnerships Ordinance.

Matul il-perjodu inizjali meta l-kumpanija gdida bdiet topera l-impjegati kienu jithallsu minn ghand C & H Bartoli Ltd.

Il-kumpanija gdida, cioe' l-Unicar Hire Services Ltd giet registrata li topera fil-kiri tal-karozzi waqt li l-kumpanija Unicar Services Ltd barra dan ix-xoghol kienet taghmel ukoll general repairs, panel beating u spray painting.

[illegible] 9 ta' Settembru 1989 ix-xoghol ta' l-allokazzjoni tal-kiri tal-karozzi li kien jaghmel l-appellant gie assenjat lis-Sur Raymond Spiteri, Manager ta' C & H Bartoli Ltd.

8 KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal jibda biex jiddikjara li l-kompitu tieghu hu li jezamina dak kollu li sema' fix-xhieda u tul is-smiegh tal-kaz kif ukoll id-dokumentazzjoni prezentata bil-ghan li jigi stabbilit il-punt jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant jammontax ghall-"Redundancy" jew le.

It-Tribunal ried ghalhekk jezamina t-trattazzjoni tal-kaz mill-aspetti kollha u jikkunsidra jekk u kemm dawn gew ippruvati ghas-sodisfazzjon tieghu.

F'kazi ta' din ix-xorta huwa necessarju li tigi stabbilita r-raguni li tikkawza "Redundancy". F'dan ir-rigward ir-Redundancy Payments Act tal 1965 [illegible] Unit tiddefeni "redundancy" bhala (a) ic-cessazzjoni ta' u jew l-intenzjoni biex jieqaf il-business (b) cessazzjoni ta' jew l-intenzjoni biex jieqaf il-business fil-post fejn l-impjegat ikun impjegat

(c) cessazzjoni jew tnaqqis tal-bzonn tal-business ghall-impjegati biex jaghmlu xoghol ta' natura partikolari u (d) cessazzjoni jew tnaqqis tal-bzonnijiet tal-business ghall-impjegati biex jaghmlu xoghol ta' natura partikolari f'post fejn huma hekk impjegati.

Jekk ir-"redundancy" tkunx ikkagunata minhabba tnaqqis ta' l-impjegati konsegwenti minn nuqqas ta' xoghol jew it-talba ghall-prodott jew servizzi tal-kumpanija, jew l-introduzzjoni ta' makkinarju ahjar jew avvanzat bhala "automation" jew streamlining ta' proceduri tax-xoghol jew rijorganizazzjoni, din hija immaterjali sakemm ikun hemm evidenza tangibbli u ta' min joqghod fuqha li r-raguni li l-impjegat safa "redundant" hija raguni serja.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-Unicar Services Ltd waqfet mill-"operations" taghha fis-7 ta' Settembru 1989 u li dawn l-"operations" kienu jkopru l-kiri tal-karozzi, general repair (mechanical u panel beating) u spray painting bir-rizultat li l-impjegati kollha gew mghajta u nfurmati b'ittra li ggib l-istess data li huma kienu sfaw "redundant" b'sehh immedjat.

Lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni li din is-sitwazzjoni kienet ilha riesqa ghal xi zmien ghax ix-xhieda kollha, inkluza dik ta' l-appellant tikkonferma dan: "Le fil-fatt kulhadd kien aware li xi darba ghad jigri xi haga" u "konna avzati, ma nistax nghid li le, ma nistax nghid le, zgur li le".

Jidher li l-waqfien mill-"operations" tal-Unicar Services Ltd kien kagunat mill-posizzjoni finanzjarja u operattiva xejn sana li l-kumpanija waslet fiha, kif spjegat fl-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-7 ta' Settembru 1989 lill-impjegati u kif konfermata mill-awditur fix-xhieda tieghu:

.../14

I think I said that one was the trading performance and I remember using the word performance and also that the other trading debtors were two of the things which I had raised with the Board over the 1988 auditing".

Skond l-istess audited accounts il-kumpanija, cioe' l-Unicar Services Ltd kellha net loss u current liabilities konsiderevoli ghas-sena 1988.

Indikazzjoni ohra li tikkonferma din is-sitwazzjoni huwa l-fatt li qabel ma waslet ghall-waqfien mill-"operations", il-kumpanija kienet hajret lill-impjegati biex jirrizenjaw minn jeddhom, kif fil-fatt ghamlu xi whud, fosthom Managers oghla fil-posizzjoni mill-appellant.

Ma hemmx anqas kontestazzjoni li tlieta (3) mill-impjegati ssensjati gew immedjatament offruti xoghol fil-"car hire" tal-kumpanija gdida li kienet qeghda titwaqqaf minn C & H Bartoli Ltd.

It-Tribunal huwa sodisfatt li n-natura tax-xoghol tal-kumpanija l-gdida biex insejhulha hekk, cioe' l-Unicar Hire Services Ltd ma kienx jinkludi x-xoghol ta' general repair, mechanical u panel beating u spray painting li kienet taghmel il-Unicar Services Ltd.

Jidher ukoll li fil-kumpanija cioe' Unicar Services Ltd kien jezisti certu kriterju ta' flessibbilta' u ghal xi zmien l-appellant, ghalkemm kien jokkupa posizzjoni manigerjali, kien jaghmel ukoll "deliveries" tal-karozzi tal-kiri.

It-Tribunal jinnota izda li l-appellant ma baqax jaghmel dawn id-"deliveries", numru ta' xhur sewwa qabel ma l-kumpanija waqfet mill-"operations" taghha.

.../15

Ma hemmx anqas kontestazzjoni li x-xoghol manigerjali tieghu mill-istess data, jigifieri 9.9.89 gie assenjat lis-Sur Raymond Spiteri, Manager ta' C & H Bartoli Ltd li skond is-Sur Harold A Bartoli kien naqaslu konsiderevolment ix-xoghol tat-Travel.

Jidher ukoll li waqt li hu minnu li C & H Bartoli Ltd hija l-holding company, il-Unicar Hire Services Ltd (il-kumpanija l-gdida) hija managed minn Bord tad-Diretturi separat.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontenzjoni ta' l-appellant li ga la darba hu kien ghal xi zmien jaghmel ix-xoghol tad-"deliveries" tal-karozzi tal-kiri - xoghol deskritt industrijali - il-kumpanija kienet mistennija toffrilu dan ix-xoghol meta safa redundant u mhux toffrilu u taghtih lill-impjegati ohrajn li kellhom servizz anqas minnu, it-Tribunal ma jistax jaqbel ma' din il-kontenzjoni ghar-raguni li l-kriterju tat-tul tas-servizz ghall-finijiet ta' "seniority" huwa kundizzjonat u regolat minn Artiklu 25 (2A) tal-Conditions of Employment Regulation Act li jistipula "Where an employer intends to terminate the employment of an employee on grounds of redundancy, he shall terminate the employment of that person who was engaged last in the class of employment affected by such redundancy."

Barra minn hekk ghab-bazi ta' kif zvolgew il-fatti u c-cirkostanzi, il-kumpanija l-gdida u/jew C & H Bartoli Ltd ma kellhom l-ebda obbligu legali u lanqas morali li joffru lill-appellant ix-xoghol li gie offrut lit-tliet impjegati ohra.

It-Tribunal jifhem ukoll li jekk id-doveri manigerjali li kien jaghmel l-appellant gew assenjati lill-Manager iehor ta' C & H Bartoli Ltd, dan sar ghal raguni valida, cioe' biex ikun impjegat fully Manager iehor li kellu seniority

bhala Manager aktar mill-appellant fid-dawl tal-flessibbilta' li l-holding company u l-kumpanija gdida riedu jesigu li jkollhom l-uzu tal-manpower ghad-disposizzjoni taghhom bl-aktar mod effettiv waqt li l-kumpanija gdida naqqset parti mix-xoghol li l-kumpanija Unicar Services Ltd kienet taghmel qabel ma waqfet.

It-Tribunal ma setax ma jezaminax bl-akbar reqqa u serjeta' certi cirkostanzi konnessi mal-kaz kollu bhalma kienu l-bidu tal-kumpanija gdida cioe' l-Unicar Hire Services Ltd fid-9 ta' Settembru 1989 u r-registrazzjoni taghha fl-14 ta' Novembru 1989, l-uzu ta' parti mill-premises ghall-perjodu limitat, l-"entries" ta' l-impjieg datati 18.4.90 fil-Workbooks tat-tliet impjegati li ngaggat il-Unicar Hire Services Ltd u l-fatt li l-kumpanija Unicar Services Ltd ghalkemm marret "dormant" ghadha tipposjedi l-impjant u assets.

It-Tribunal huwa sodisfatt li dawn ic-cirkostanzi u aspetti gew spjegati tul is-smiegh tal-kaz u minnhom infushom ma jistghux jitqiesu determinanti dwar il-meritu tar-"redundancy" ta' l-appellant.

Lanqas ma jista' jigi meqjus determinanti ghall-istess skop ir-"relationship" tal-holding company, cioe' C & H Bartoli Ltd maz-zewg kumpaniji sussidjarji, jigifieri l-Unicar Services Ltd u l-Unicar Hire Services Ltd.

F'dan ir-rigward wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li kull kumpanija registrata taht il-Commercial Partnerships Ordinance hija awtonoma u ghandha identita singolari minn kumpanija jew kumpaniji ohra, anke jekk dawn huma ta' l-istess sidien u diretturi. Kull aspett iehor fl-isfond ta' relazzjonijiet bejn il-kumpaniji imsemmija f'dan il-kaz ma jbiddel xejn mill-poteri u d-drittijiet ta' kull wahda

mill-istess kumpaniji li tagixxi ghal rasha u bl-identita individwali taghha.

It-Tribunal irid ukoll jirreferi ghas-sentenza tat-Tribunal ta' l-Arbitragg bejn il-General workers' Union u Messrs. A Buttigieg (Luqa Airport Buffet) Award Numru 55 tat-18 ta' Novembru 1970 fejn wiehed isib id-definizzjoni tar-"redundancy" fir-Recommendation No 119 tal-International Labour Organisation (1963) taht Artiklu 2 tipprovdi li l-impjegat ma ghandux jigi ssensjat jekk ma jkunx hemm raguni valida "connected with the capacity or the conduct of the worker or based upon the operational requirements of the undertaking".

Hija l-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kienet ikkagunata "mill-operational requirements of the undertaking" u ma gewx ipprovduti provi sidisfacenti li jikkonvincu lil dan it-Tribunal li l-waqfien tal-kumpanija Unicar Services Ltd u l-bidu tal-kumpanija gdida, cioe' l-Unicar Hire Services Ltd kienu ghal ragunijiet fittizzji u/jew biex iservu ta' paraventu biex l-appellant jigi dikjarat "redundant".

Kif diga' esprima ruhu aktar 'il quddiem f'dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal hu sodisfatt li l-waqfien ta' l-operations tal-kumpanija Unicar Services Ltd ma mmaterjalizzax habta u sabta izda kien ilu jizviluppa ghal zmien konsiderevoli, bl-impjegati "fully aware" tas-sitwazzjoni deterjoranti tal-kumpanija.

9 DECIZJONI

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal wara li sthareg il-kaz kollu fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet

ta' hawn fuq isib li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant, is-Sur Joseph J Agius kienet ghar-raguni ta' "Redundancy" u minhabba f'hekk dan it-Tribunal ma hux kompetenti li jisma' dan il-kaz.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht l-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Att XXX tal-1976) it-Tribunal qieghed jintaxxa ghal kull persuna li dehret ghall-partijiet id-dritt ta' erbghin (Lm40) liri maltin kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Christine Galea
SEGRETARJA

mm